Bl-ewwel motiv, ir-rikorrenti ssostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza kisret l-obbligu tagħha ta' motivazzjoni u għaldaqstant l-Artikolu 82 KE permezz ta' konstatazzjonijiet kuntradittorji rigward l-imġiba tar-rikorrenti li hija meqjusa li tikkostitwixxi l-abbuż. Il-Qorti tal-Prim'Istanza minn naħa mmotivat l-abbuż billi ddikjarat li r-rikorrenti titlob il-ħlas komplut mingħand l-impriżi li ma jużawx is-sistema tagħha jew li jużawha biss għal parti mill-imballaġġi ta' bejgħ li għandhom it-*trade mark*. Il-Qorti tal-Prim'Istanza tikkonstata min-naħa l-oħra li huwa biss "eventwalment" li r-rikorrenti titlob għall-imballaġġi ta' bejgħ li ma jipparteċipawx fis-sistema tagħha u b'applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ikkontestati tal-kuntratt ta' użu tat-*trade mark*, il-prezz tas-servizz ta' ġbir u ta' irkupru.

It-tieni, il-ħames u s-sitt motivi jirreferu għall-evalwazzjoni żbaljata, insuffiċjenti, jew b'mod iktar preċiż, li tiffalsifika manifestament il-fatti u f'kuntradizzjoni mal-proċessi u l-provi mressqa, fir-rigward tal-portata tal-liċenzja offruta mir-rikorrenti. Kieku kienet għamlet evalwazzjoni korretta tal-fatti, il-Qorti tal-Prim'Istanza kien imissha rrikonoxxiet li r-rikorrenti ma tagħtix liċenzja iżolata b'mod li s-sentenza kkontestata għandha tiġi mifhuma bħala konstatazzjoni li r-rifjut ta' għotja ta' din il-liċenzja huwa abbużiv u li l-ordni intiża sabiex jitwaqqaf il-ksur fl-Artikolu 3 tas-sentenza kkontestata jekwivali għall-impożizzjoni ta' liċenzja obbligatorja. Il-Qorti tal-Prim'Istanza kienet madankollu b'mod żbaljat naqset milli tirrispetta r-rekwiżiti ta' motivazzjoni neċessarji skond il-ġurisprudenza u ma rrikonoxxitx li liċenzja obbligatorja hija eskluża mill-perspettiva tad-dritt tat-*trade marks* u ta' l-imballaġġi. Ir-rikorrenti tinvoka f'dan il-kuntest il-ksur ta' l-obbligu ta' motivazzjoni, tal-prinċipju ta' motivazzjoni kif ukoll ta' l-Artikolu 82 KE u ta' l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 17.

Ir-rikorrenti ssostni bit-tielet u bir-raba' motiv li l-Qorti tal-Prim'Istanza kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha u għalhekk l-Artikolu 82 KE permezz tal-konstatazzjoni tagħha insuffiċjentement immotivata, żbaljata u li tiffalsifika d-dritt Ġermaniż ta' l-imballaġġi u tat-*trade marks*, li t-*trade mark*"Der Grüne Punkt" ma tistax tibbenefika mill-eżklussività mitluba. Il-Qorti tal-Prim'Istanza kisret ukoll permezz ta' din il-konstatazzjoni l-prinċipju tad-dritt Komunitarju tat-*trade marks* li jgħid li *trade mark* rreġistrata tagħti lill-proprjetarju tagħha dritt eżklussiv b'mod partikolari fir-rigward ta' l-użu tat-*trade mark* għal prodotti u servizzi li huma identiċi jew simili għal dawk li għalihom it-*trade mark* hija rreġistrata.

Permezz tas-seba' u t-tmiem motiv tagħha, ir-rikorrenti ssostni żewġ żbalji proċedurali. Il-Qorti tal-Prim'Istanza kienet minn naħa introduċiet konstatazzjonijiet ġodda jew konstatazzjonijiet *ex ufficio* mingħajr mas-suġġett ta' dawn il-konstatazzjonijiet ma kien jinsab fid-deċiżjonijiet ikkontestati jew kien ġie introdott mill-partijiet fil-kuntest tal-proċedimenti ġudizzjarji. Il-Qorti tal-Prim'Istanza kienet minbarra dan wettqet ksur proċedurali li jippreġudika l-interessi tar-rikorrenti billi ma rrispettatx il-prinċipju fundamentali ta' l-Unjoni għat-trattament ta' kawża fi żmien raġonevoli.

---

[1] ĠU L 166, p. 1.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Finanzgericht Hamburg (il-Ġermanja) fl-20 ta' Awwissu 2007 — Glencore Grain Rotterdam BV vs Hauptzollamt Hamburg-Jonas**

**(Kawża C-391/07)**

(2007/C 269/52)

*Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Finanzgericht Hamburg (il-Ġermanja)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Glencore Grain Rotterdam BV.

*Konvenut:* Hauptzollamt Hamburg-Jonas.

**Domandi preliminari**

L-Artikolu 13 tar-Regolament (KEE) Nru 1501/95 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-produzzjoni tal-prova prevista fit-tieni paragrafu ta' din id-dispożizzjoni teżonera mhux biss il-prova tat-twettiq tal-formalitajiet doganali għar-rilaxx għall-konsum, imma wkoll il-preżentazzjoni tad-dokument tat-trasport (L-Artikolu 18(3) tar-Regolament (KEE) Nru 3665/87, li sar l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (KE) Nru 800/99)?

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Korkein oikeus (il-Finlandja) fis- 27 ta' Awwissu 2007 — Mirja Juuri vs Fazer Amica Oy**

**(Kawża C-396/07)**

(2007/C 269/53)

*Lingwa tal-kawża: Il-Finlandiż*

**Qorti tar-rinviju**

Il-Korkein oikeus (il-Finlandja)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Mirja Juuri

*Konvenut:* Fazer Amica Oy

**Domandi preliminari**

1) L-Artikolu 4(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE ([1]), għandu jiġi interpretat fis-sens li, fil-każ fejn ħaddiem stess ikun temm il-kuntratt tax-xogħol tiegħu wara li jkunu ddeterjoraw kunsiderevolment il-kundizzjonijiet tax-xogħol tiegħu minħabba trasferiment ta' impriżi, Stat Membru għandu, fis-sistema legali tiegħu, jiggarantixxi lill-ħaddiem dritt għal kumpens fi flus min-naħa ta' min iħaddmu bl-istess mod bħal meta min iħaddem itemm kuntratt tax-xogħol b'mod illegali, meta jittieħed in kunsiderazzjoni l-fatt li min iħaddem ma rrispettax, fis-sens ta' l-Artikolu 3(3) tad-direttiva, il-ftehim kollettiv li kien jorbot lil min iħaddem u li kien jiggarantixxi kundizzjonijiet aħjar tax-xogħol lill-ħaddiem, biss sakemm dan jiskadi, u li l-iddeterjorar tal-kundizzjonijiet tax-xogħol jirriżultaw minħabba din l-iskadenza?

2) Fil-każ fejn ir-responsabbiltà ta' min iħaddem, prevista mid-direttiva, mhijiex ta' l-istess portata bħal dik esposta fil-punt 1), għandha r-responsabbiltà ta' min iħaddem tiġi implimentata xorta waħda, per eżempju, permezz ta' ħlas tal-pagi u ta' benefiċċji oħra relatati mal-perijodu ta' *notice* li min iħaddem huwa marbut li jirrispetta?

([1]) Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE tat-12 ta' Marzu 2001, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet ta' l-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji, ĠU L 82, 22 ta' Marzu 2001, p. 16.

---

**Rikors imressaq fis-27 ta' Awwissu 2007 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Rejnu ta' Spanja**

**(Kawża C-397/07)**

(2007/C 269/54)

*Lingwa tal-kawża: L-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: E. Gippini Fournier u M. Afonso, aġenti)

*Konvenut:* Ir-Renju ta' Spanja

**Talbiet tar-rikorrenti**

— Tiddikjara li:

— billi ssottometta l-applikazzjoni għall-eżenzjonijiet obbligatorji mid-dazju kapitali għal ċerti kundizzjonijiet;

— billi impona taxxa indiretta fuq it-trasferiment, fi Spanja, taċ-ċentru effettiv ta' amministrazzjoni jew ta' l-uffiċċju reġistrat ta' kumpannija, fir-rigward ta' kumpanniji li ma kinux suġġetti għal taxxa simili fil-pajjiż tagħhom ta' oriġini;

— billi impona taxxa indiretta fuq il-kapital użat biex jiġu eżegwiti operazzjonijiet kummerċjali permezz ta' fergħat jew ta' stabbilimenti permanenti ta' kumpanniji stabbiliti fi Stat Membru li ma japplikax taxxa simili għat-taxxa Spanjola,

ir-Renju ta' Spanja naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt id-Direttiva tal-Kunsill 69/335/KEE, tas-17 ta' Lulju 1969 ([1]).

— tikkundanna lir-Renju ta' Spanja jbati l-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

— Id-Direttiva 69/335 żżomm l-*istatus quo* għal dak li jirrigwarda d-diskrezzjoni ta' l-Istati Membri li jintroduċu mill-ġdid dazji kapitali jew li jimponu mill-ġdid din it-taxxa fuq operazzjonijiet li huma, fil-prattika, eżenti. B'konsegwenza ta' dan, Spanja ma tistax tneħħi l-eżenzjonijiet tagħha u tintaxxa l-operazzjonijiet kollha koperti mis-sistema speċjali tad-Digriet Rjali Nru 4/2004 li huma, però, esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' l-ex Artikolu 7(1)(b) u (b)a. Spanja hija marbuta li tapplika l-eżenzjoni ta' l-Artikolu 45(1)(B)(10) tad-Digriet Rjali Nru 1/1993, għall-operazzjonijiet kollha li jaqgħu taħt is-sistema speċjali tad-Digriet Rjali Nru 4/2004, independentament minn jekk, fil-fatt, din is-sistema speċjali tapplikax jew le.

— L-Artikolu 4 tad-Direttiva 69/335 jinkludi lista eżawrjenti ta' operazzjonijiet suġġetti għad-dazju kapitali. Bis-saħħa ta' l-Artikolu 4(1)(g), it-trasferiment taċ-ċentru effettiv ta' amministrazzjoni ta' kumpannija, assoċjazzjoni jew persuna ġuridika li, fl-Istat Membru ospitanti hija kkunsidrata, għall-iskopijiet ta' impożizzjoni ta' dazju kapitali, bħala kumpannija kapitali, imma li mhijiex ikkunsidrata bħala tali fl-Istat Membru ta' oriġini tagħha, huwa suġġett għad-dazju kapitali. B'konsegwenza ta' dan, Spanja ma tistax timponi dazju kapitali fuq it-trasferiment taċ-ċentru effettiv ta' amministrazzjoni jew it-trasferiment ta' l-uffiċċju reġistrat fir-rigward ta' kumpannija kapitali li mhijiex suġġetta għal taxxa simili fl-Istat Membru ta' orgini tagħha. It-trasferiment tas-sede tagħha fi Stat Membru ieħor permezz ta' kumpannija kapitali mhuwiex fatt li jagħti lok għall-impożizzjoni ta' dazju kapitali, meta l-Istat Membru li fih dik il-kumpannija tkun ġiet kostitwita ma jiġborx dazju kapitali bħal dan. Barra minn hekk, xejn ma juri li l-leġiżlazzjoni Spanjola tapplika biss fil-każ ta' evażjoni jew frodi fiskali.

— Spanja ma tistax timponi dazju kapitali fuq il-parti ta' kapitali wżata biex jitwettqu operazzjonijiet kummerċjali fuq it-territorju Spanjol, permezz ta' fergħat jew ta' stabbilimenti permanenti. Kif jidher biċ-ċar mill-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 69/335, Spanja ma tistax timponi dazju kapitali fuq il-kumpanniji li ċ-ċentru effettiv ta' amministrazzjoni tagħhom jinsab fi Stat Membru ieħor u mhux fi Spanja. L-Artikolu 2(3) tad-Direttiva 69/335 jillimita l-miżuri bħal dawk implementati minn Spanja għall-każ speċifiku ta' kumpannija li